**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Samuel Azzopardi**

Kaz Numru: 366/2016

Illum 14 ta' Gunju 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Samuel Azzopardi**, bin Ludovico u Maria Assunta nee' Camilleri, imwieled fil-5 ta' April 1982, residenti fil-fond numru 50, Triq Ghan Qatet, Victoria, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22982(G), akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2016 ghall-habta ta' 01:00hrs fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex hekk kif kien qieghed jaghmel uzu minn vettura reg. no. IBL169 Toyota Ist:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna hsara involontarja fuq vettura reg. no. FBZ334 ghad-dannu ta' Jenise Nancy Grech I.D. 576590(M);

3. Kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni u hila fis-sewqan tieghu kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Grech I.D. 12367(G) hekk kif iccertifika Dr. Julian Portelli MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

4. Kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura reg. no. IBL169 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

5. U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skont il-ligi kampjun tan-nifs u dan minghajr raguni xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita, tordna li l-imputat biex jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghall-perijodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz imur lura ghall-incident tat-traffiku fis-17 ta' April 2016 ghall-habta ta' 01:00hrs fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex hekk kif l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn vettura Reg. No. IBL169 Toyota Ist. L-imputat irrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs u dan wara li ghal darbtejn il-Pulizija spjegawlu l-konsegwenzi li hemm jekk wiehed jirrifjuta li jaghmel dan. Il-Pulizija riedu jehdulu t-test tan-nifs minhabba suspett li kellhom li l-imputat kien qieghed isuq taht l-effett tal-*alcohol.*

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni jaqra hekk:

*"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li mhijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."*

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

> *"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kinitx qed issuq meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur tal-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-rizultat o meno tal-*

*analizi maghmula skont l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-rizultat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.*

*Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghall-inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."*[1]

Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferit huwa jekk il-kumpless tal-provi kinux sufficjenti sabiex iwassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni b'sahhitha li l-imputat kien xurban filwaqt li kien qieghed isuq, u li l-istat tieghu ta' sokor kien tali li affettwa l-mod tas-sewqan tieghu.

Illi r-REGOLAMENTI DWAR IT-TESTIJIET TAN-NIFS[2] skont l-Avviz Legal 392 tal-2010 kif emendat bl-Avviż Legali 422 tal- 2015 jipprovdi:

6. *Il-kampjuni tan-nifs jistgħu jintalbu li jingħataw fil-post jew viċin il-post fejn l-istess kampjuni jkunu ntalbu, jew f'Għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar.*

Illi Artikolu 15E (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*15 E (4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieg hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna jkun izjed mil-limitu preskritt:*

*Iżda tkun difiza għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew*

[1] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001
[2] LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.16

*mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.*

Illi Artikolu 15H tal-istess Kap jipprovdi li:

***15H.** (1) Kull persuna li tikser xi dispozizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -*

1. *(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew prigunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u prigunerija flimkien;*
2. *(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew prigunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Emanuel Camilleri** deciza fit-30 ta' April 1999 intqal li:

*It-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat, hi mehtiega biss sabiex il-Pulizija tkun tista' tarresta li minn hekk jonqos milli jaghti dak il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi) u dan skont l-Artikolu 15D(b). Ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija mhi mehtiega.*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti thoss li ghandha twassal dak li ghallem Papa Frangisku dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha, 3 ta' Frar 2016:

> "*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk.*
>
> *[...]*
>
> *Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena.*"

L-imputat hekk ghamel. Gharaf li zbalja u iddispjacih.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tfakkar kif l-alkohol huwa sustanza soċjalment aċċettata minn diversi kulturi, u f'Malta u Ghawdex xejn inqas.

F'ħafna okkażżjonijiet, il-konsum tal-alkoħol jitqies bħala mod ta' ċelebrazzjoni u socjalizzazzjoni, imma fl-istess ħin ftit inqisu kemm l-alkoħol, anki f'dawn l-okkażżjonijiet ta' ferħ u rilassament jista' joħloq perikli kif jidher li gara f'dan il-kaz fejn l-imputat kien qieghed jirritorna d-dar minn tieg.

Kulhadd ghandu jifhem darba ghal dejjem u jżomm quddiem għajnejh li l-alkoħol jaffettwa l-memorja, il-konċentrazzjoni, il-prestazzjoni u l-imġieba, u jwassal għal esperjenzi li wara wieħed jista' jiddispjaċieh li jkunu sehhew.

Dan l-incident m'ghandux itellef mill-hidma politika, kulturali u socjali li jwettaq l-imputat, anzi ghandu b'wiccu minn quddiem iwissi dwar il-perikli marbuta mal-alkohol anke meta wiehed ma jkollux il-vizzju imma jkun xorob biex jissocjalizza ruhu waqt xi attivita' partikolari, kif gara f'dan il-kaz.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati, wara li rat lill-partijiet jirrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, issibu hati tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000).

U wara li rat Artikolu 15H (2) tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-sewqan għal zmien sitt (6) xhur li ghandhom jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada.

____________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**